

32001R0654

L 91/64

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

31.3.2001

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) NUMRU 654/2001****tat-30 ta' Marzu 2001****li jiffissa l-ammont massimu ta' għajjnuna kompensatorja għar-rivalwazzjonijiet ġmielhom tal-lira sterlina u l-krona Svediża fl-2000**

IL-KOMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 2799/98 tal-15 ta' Diċembru 1998 li jstabbilixxi arranġamenti agrimonetarji għall-euro <sup>(1)</sup>, b'mod partikolari Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Rivalwazzjoni ġmielha, kif definita f'Artikolu 1(f) tar-Regolament (KE) Numru 2799/98, seħħet fl-2000 għal-lira sterlina u l-krona Svediża.
- (2) Ir-Regolament (KE) Numru 2799/98 jipprovdi li l-Istati Membri jistgħu jagħtu għajjnuna b'kumpens lil bdiewa f'każi ta' revalwazzjoni ġmielha. Tali għajjnuna għandha tingħata skond il-kondizzjonijiet preskritti f'dak ir-Regolament u fir-Regolament tal-Kommissjoni (KE) Numru 2808/98 tat-22 ta' Diċembru 1998 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema agrimonetarja għall-euro fl-agrikoltura <sup>(2)</sup>, kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Numru 2452/2000 <sup>(3)</sup>.
- (3) L-ammonti massimi ta' l-ewwel porzjon ta' għajjnuna kompensatorja huma stabbiliti skond Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Numru 2799/98.
- (4) Skond Artikolu 4(3) u Artikolu 4(6)(a) ta' dak ir-Regolament, l-ammonti konċernati għandhom jtnaqqsu jew jiġu kanċellati għal settur fejn il-prezz tas-suq għall-Istat Membri konċernat kien fuq medja daqs jew ogħla mill-prezzijiet medji tas-suq fl-Istati Membri li l-muniti tagħhom ma kienux rivalwati mhux ħażin matul l-istess perjodu. Dawk il-kondizzjonijiet m'humiex imwettqa fis-setturi taċ-ċanga u l-vitella, iċ-ċereali u l-ħalib u l-prodotti tal-ħalib fiż-żewġ pajjiżi konċernati. L-ammonti ta' hawn fuq għalhekk ma jeħtiġux jiġu aġġustati.
- (5) Taħt Artikolu 4(3) u Artikolu 4(6)(b) ta' dak ir-Regolament, l-ammont ta' porzjon wieħed jew iżjed jista' jtnaqqsu fejn ikun osservat li r-relazzjoni bejn id-data tar-rivalwazzjoni u d-dati tal-ġrajjet operattivi fis-settur kkonċernat tkun tali li ma jkun hemm ebda ġustifikazzjoni biex wieħed jikkonkludi li r-rivalwazzjoni kellha impatt matul il-perjodu kollu taħt konsiderazzjoni. Dik il-kondizzjoni hija sodisfatta għas-settur taz-zokkor li għalih ir-rata attwalment kienet tapplika matul is-sena tas-suq 2000/01 tkun għadha mhix magħrufa. L-ammonti massimi ta' l-ewwel porzjon msemmi fis-subparagrafu ta' qabel ta' l-aħħar ta' Artikolu 4(6) tar-Regolament (KE) Numru 2799/98 u li jservi bħala bażi

biex jiġu kalkulati it-tieni u t-tielet porzjonijiet li jkunu ġew iffissati jekk il-punt (b) ma kienx ġie applikat għandhom għalhekk ukoll ikunu iffissati.

- (6) Il-perjodu msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Numru 2808/98, li għandu jkun perjodu stipulat qabel ma jingħataw ħlasijiet kompensatorji, għandu jkun stabbilit.
- (7) Il-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni konċernati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għar-Renju Unit, l-ammont massimu ta' l-ewwel porzjon tal-għajjnuna kompensatorja msemmija f'Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Numru 2799/98 għandu jkun EUR 224,12 miljuni fil-każ tar-rivalwazzjoni ġmielha li seħħet fl-2000.

L-ammont massimu msemmi fis-subparagrafu ta' qabel ta' l-aħħar ta' Artikolu 4(6) tar-Regolament (KE) Numru 2799/98 u li jservi bħala bażi biex jiġu kalkulati t-tieni u t-tielet porzjonijiet ta' għajjnuna kompensatorja għandu jkun EUR 235,35 miljuni fil-każ ta' rivalwazzjoni ġmielha li seħħet fl-2000.

*Artikolu 2*

Għall-Isvezja, l-ammont massimu ta' l-ewwel porzjon tal-għajjnuna kompensatorja msemmija f'Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Numru 2799/98 għandu jkun EUR 11,12 miljuni fil-każ tar-rivalwazzjoni ġmielha li seħħet fl-2000.

L-ammont massimu msemmi fis-subparagrafu ta' qabel ta' l-aħħar ta' Artikolu 4(6) tar-Regolament (KE) Numru 2799/98 u li jservi bħala bażi biex jiġu kalkulati t-tieni u t-tielet porzjonijiet ta' għajjnuna kompensatorja għandu jkun EUR 11,84 miljuni fil-każ ta' rivalwazzjoni ġmielha li seħħet fl-2000.

*Artikolu 3*

Il-perjodu msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Numru 2808/98 għandu jintemm mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2000.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidholl fis-seħħ fis-seba' jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

<sup>(1)</sup> ĠU L 349, ta' l-24.12.1998, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 349, ta' l-24.12.1998, p. 36.

<sup>(3)</sup> ĠU L 282, tat-8.11.2000, p. 9.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-30 ta' Marzu 2001.

*Għall-Kummissjoni*  
Franz FISCHLER  
*Membru tal-Kummissjoni*

---